**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 398/2004 AF**

**Frances Napier**

**vs**

**L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Lulju 2022, l-isem "L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" ghandu jigi "L-Awtorità tal-Ippjanar"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta’ Francis Napier, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-attrici bniet id-dar residenzjali taghha, li ggib l-isem “Lo Morgan”, fi Triq il-Karmnu, Benghajsa, Birzebbugia, skond il-permess tal-bini mahrug lilha fl-4 ta’ Marzu 1991 mill-allura PAPB, numru PB 625/91/890/89, kif jirrizulta mill-permess innifsu kopja annessa bhala Dok. FN1.

Il-bini sar matul l-1992, u tlesta ghal habta ta’ Awwissu jew Settembru 1992 in konformità mal-permess imsemmi, kif iccertifikat mic-certifikat ta’ konformità mahrug mill-*Building Inspector in Charge* Robert Vella ghan-nom tad-Direttorat tal-Ippjanar fit-12 ta’ Awwissu 1993, kopja annessa bhala Dok. FN2.

Apparentement, u din hija haga li l-attrici saret taf biha biss recentement, il-permess taghha kien gie revokat u ssostitwit mill-PAPB fil-25 ta’ Awwissu 1992, minghajr ma hija giet infurmata, u b’mod illi parti sostanzjali tad-dar taghha gie skoperta minn kwalsiasi permess, u b’mod illi parti rimanenti tad-dar ma gietx abitabbli billi zghira wisq biex tikkonforma mar-regolamenti tas-sanità.

Fis-16 ta’ April 1996, Ref. ECF/624/96/ENMU/NENF, l-allura Awtorità tal-Ippjanar harget Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq (Stop and Enforcement Notice) li permezz taghha infurmat lill-attrici li hija kellha zvilupp mhux skond il-kundizzjoni tal-permess No. PB 3140/92/890/89 datat 25/8/92”, u ordnat lill-attrici sabiex “Tregga’ lura kull haga li ghandek mhux skond il-kundizzjonijiet tal-permess fi zmien 16-il gurnata” (Dok. FN3), biex b’hekk l-attrici saret taf ghall-ewwel darba li l-Awtorità kienet qed issostni xi irregolarità; ordni li kjarament ma kellha l-ebda effett legali stante li l-attrici kienet bniet skond il-permess taghha kif iccertifikat mid-Direttorat stess.

Madanakollu, l-attrici inkarigat lill-periti taghha sabiex jivverifikaw jekk hemmx il-htiega li hija tappella mill-avviz imsemmi, u fil-fatt hallset it-tariffa necessarja ghall-appell pendenti decizjoni dwar jekk tali appell kienx mehtieg; izda matul diversi laqghat li hija kellha flimkien mal-perit taghha mal-ufficcjal inkarigat, il-Principal Technical Officer Victor Borg Fiorentino, hija giet assigurata li l-avviz kien ser jigi rtirat in vista tal-permessi fil-pussess tal-attrici.

Eventwalment irrizulta li l-Awtorità riedet lill-attrici tapplika sabiex tirregolarizza l-posizzjoni taghha, imma li applikazzjoni simili kienet tkun timplika accettazzjoni tat-tnehhija tal-permess originali taghha.

Fil-frattemp irrizulta li baqghet ma ttehditx decizjoni dwar ir-road alignment, u li l-kaz ghadu pendenti ghad-decizjoni tal-Awtorità intimata, Referenza Numru PC 388/97, izda madanakollu l-Awtorità intimata infurmat lill-attrici li ma kienitx ser tirtira l-avviz ta' twettiq taghha u li kienet ser tiehu azzjoni diretta fil-jiem li gejjin (Dok. FN4), u dan senjatament billi twaqqa' u tiddemolixxi parti sostanzjali mid-dar fejn tirrisjedi l-attrici b'mod li tirrendi l-abitazzjoni taghha inabitabbli u tirrendi lill-istess attrici homeless.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara nulla u invalida u minghajr effett fil-ligi t-tnehhija retroattiva tal-permess numru PB 625/91/890/89 precedentement mahrug a favur l-attrici mill-Bord predecessur tal-Awtorità konvenuta; u

2. Konsegwentement tikkonferma l-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 883/2004 billi tipprojbixxi lill-Awtorità konvenuta li jesegwixxu kwalsiasi xoghol ta' demolizzjoni jew infurzar tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Numru ECF00624/96 fuq id-dar resdienzjali tar-rikorrenti "Lo Morgan", Triq il-Karmnu, Benghajsa, Birzebbugia.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 883/2004, bl-ingunzjoni ta'

rapprezentanti tal-Awtorità konvenuta in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-Awtorità eccipjenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawza u dan a tenur tas-subartikolu (4) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

Preliminarjament u fit-tieni lok, l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-Awtorità eccipjenti mhijiex successura tal-PAPB u dan kif gie ampjament deciz mill-Qrati u Tribunal tal-Gustizzja.

Inoltre, fil-mertu t-talbiet kif imressqa mill-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak li ntqal fic-citazzjoni odjerna ma jinkwadrax ruhu mal-fatti tal-kaz ghaliex anke kif intqal fir-risposta tal-mandat ta' inibizzjoni li kienet ghamlet l-attrici qabel din il-kawza, qatt ma gie revokat l-ebda permess izda gie "superseded" minn permess iehor li bih kienu jafu sija l-attrici u sija l-perit taghha.

Kif digà ntqal hawn fuq, ic-citazzjoni odjerna saret wara li l-istess attrici tilfet mandat ta' inibizzjoni numru 883/04 CFS kontra l-istess eccipjenti sabiex l-Awtorità ma tmurx tesegwixxi u tnehhi l-illegalitajiet fuq il-post kif kellha d-dritt taghmel u ghaldaqstant ikun opportun illi l-atti tal-mandat hawn fuq citat jigu annessi mal-atti ta' din ic-citazzjoni.

Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2004 din il-Qorti kif dakinhar preseduta ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 883/04 fl-ismijiet premessi.

Semghet xhieda.

Innotat il-perkors twil u laborjuz ta' din il-kawza fejn il-partijiet ghamlu snin twal jittentaw jaslu ghal transazzjoni, kif ukoll il-hafna okkazjonijiet fejn inbidlu d-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakoltà li l-partijiet iressqu nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni l-attriċi qegħda fl-ewwel lok tfittex li tikseb dikjarazzjoni li t-tneħħija tal-permess bin-numru PB 625/91/890/89 hija nulla, invalida u mingħajr effett fil-liġi. Subordinatament l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti sabiex tikkonferma l-ordni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 883/2004 billi tinibixxi lill-Awtorità konvenuta milli tenforza l-Avviż biex Tieqaf u Twettaq numru ECF00624/96 fuq id-dar proprjetà tal-attriċi fl-indirizz "Lo Morgan", Triq il-Karmnu, Bengħajsa, Birżebbuġia.

L-Awtorità konvenuta laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ressqet sia eċċezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu. Fl-ewwel lok ġie eċċepit illi ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 din il-Qorti m'għandiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi. Fit-tieni lok ġie eċċepit illi l-Awtorità konvenuta mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi stante l-fatt illi hija mhijiex is-suċċessur tal-PAPB.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ta' dan il-każ jistgħu jiġu sintetizzati hekk:

- 7 ta' Frar 1989 – l-attriċi applikat għall-permess tal-Bini u tal-Linja sabiex tibni bungalow[1] fuq art li kienet akkwistat b'kuntratt tat-12 ta' Novembru 1987 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani[2];

- 31 ta' Jannar 1990 – avviż mibgħut lill-attriċi fejn hija ġiet avżata sabiex ma tkomplix għaddejja bix-xogħol ta' kostruzzjoni mingħajr il-permess mogħti mill-PAPB. Fl-istess avviż jingħad ukoll illi l-attriċi kienet qegħda twettaq xogħolijiet mingħajr ma osservat il-kondizzjonijiet u/jew pjanti approvati mill-PAPB[3];

- 4 ta' Marzu 1991 – ingħata permess "*to erect terraced house as per plans/elevations (PAPB 890/89/17B/C/D) submitted with letter dated 14.8.90. subject to General Conditions (A) on form DC 1/88. Height of building should not exceed one floor*."[4]

- 24 ta' Ġunju 1991 – il-Perit Emmanuel Zammit in rappreżentanza tal-attriċi bgħat ittra ndirizzata lis-Segretarja tal-PAPB fejn jingħad "*Attached please find six copies of fresh plans and elevations to supersede those presented earlier*." F'din l-ittra ssir referenza għall-permess bin-numru 625/91/890/89[5].

- 20 ta' Ottubru 1991 – Ittra mill-PAPB lill-Perit Emmanuel Zammit fejn ġie mitlub li jissottometti pjanti ġodda[6].

- Fil-file tal-PAPB relattivi għall-permessi tal-bini favur l-attriċi tniżżlet nota bla data fejn jingħad li l-Perit baqa' m'ottemprax ruħu mar-rikjesta lilu magħmula permezz tal-ittra tal-20 t'Ottubru 1991[7];

---

[1] A fol. 35
[2] A fol. 301
[3] A fol. 36
[4] A fol. 78
[5] A fol. 37
[6] A fol. 38
[7] A fol. 39

- 13 ta' Jannar 1992 – il-Perit Emanuel Zammit reġa kiteb lis-segretarja tal-PAPB fejn għal-darb'oħra qal "*Attached please find six copies of fresh plans and elevations to supersede those presented earlier*."[8] F'din l-ittra wkoll issir referenza għall-permessi bin-numru 625/91/890/89.

- 19 ta' Frar 1992 – ittra oħra mill-Perit Zammit lis-segretarja tal-Bord[9]. Il-kontenut ta' din l-ittra huwa identiku għal dik tat-13 ta' Jannar 1992.

- 28 ta' Lulju 1992 - nota li l-Works Department Contributon Section ta *clearance* b'referenza għall-permess bin-numru ta' referenza PB890/89[10];

- 25 ta' Awwissu 1992 – ħareġ permess tal-bini bin-numru ta' referenza 3140/92/890/89 "*To erect terraced house (7m building 3m side garden) as per fresh plans and elevations (PAPB 890/89/37a/b) submitted with letter dated 19/2/92 and emended subject to the General Conditions (A) on form DC 1/88. Height of building should not exceed one floor and provided it is <u>setback in line with the alignment of the adjacent building</u>. Permit No 625/91/890/89 dated 4/3/91 is herby being cancelled.*"[11]

- 12 ta' Awwissu 1993 – inħareġ *certificate of compliance* li jindika li l-bini sar skont il-permess bin-numru 625/91/890/89[12];

- 16 ta' April 1996 – l-Awtorità konvenuta ħarġet Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettieq[13];

- 19 ta' April 2000 – Nota fil-file tal-Awtorità konvenuta fejn jingħad illi l-attriċi ġiet notifikata bl-Avviż biex Tieqaf u ta'

---

[8] A fol. 40
[9] A fol. 41
[10] A fol. 42
[11] A fol. 43
[12] A fol. 9
[13] A fol. 10

Twettieq permezz tal-*pink card* u li hija m'appellatx minn din id-deċiżjoni[14];

- 22 ta' April 2002 – ittra mibgħuta mill-Perit Godwin Cassar fil-kapaċità tiegħu ta' Direttur tal-Ippjanar lill-Perit Anton Zammit fejn ingħad illi għalkemm Triq Għar Hasan ma kienitx aktar meħtieġa illi titwessa', l-attriċi kien jeħtiġilha tapplika għal *sanctioning* stante illi l-binja proprjetà tagħha ma osservatx il-kondizzjonijiet tal-permess bin-numru PB140/92/890/89 tal-25 ta' Awwissu 1992 billi ma ġietx osservata l-linja tal-bini;

- 15 ta' Lulju 2002 – il-Perit Anton Zammit bagħat ittra liċ-Chairman tal-Awtorità konvenuta fejn ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-attriċi qatt ma kienet intalbet tissottometti pjanti ġodda. Jgħid ukoll illi "*although the applicant did commit a mistake, the PAPB also committed a serious mistake as it did not request for fresh drawings*." Talab għalhekk illi ma tiġix imposta fuq l-attriċi l-multa sabiex isir is-*sanctioning*[15];

- 31 ta' Lulju 2002 – il-Perit Godwin Cassar wieġeb l-ittra tal-Perit Zammit tal-15 ta' Lulju 2002 fejn spjega illi "*Permit No. 3140/92/890/89 dated 25th August 1992 was issued with a proviso that the building should be set back in line with the alignment of the adjacent building. The approved plan PAPB No. 890/89/37B did not indicate the position of the existing road and I can see no conflict between the approved plan and the permit. Besides this, the condition in the permit prevails*."[16]

- 27 ta' April 2004 – Avviż li jwissi li l-Awtorità konvenuta tista' tgħaddi sabiex tieħu azzjoni mingħajr pre-avviż ieħor;

- 13 ta' Mejju 2004 – l-attriċi talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 883/04 fl-ismijiet premessi fejn talbet

---

[14] A fol. 34
[15] A fol. 33
[16] A fol. 23

li l-awtorità konvenuta tiġi miżmuma milli tieħu azzjoni diretta fil-konfront tagħha senjatament bit-twaqqiegħ tal-binja li allegatament mhijiex koperta b'permess;

- 21 ta' Mejju 2004 – B'digriet tal-21 ta' Mejju 2004 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba attriċi u ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-Awtorità konvenuta.

Delinejati l-fatti saljenti ta' dan il-każ, il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Awtorità konvenuta li jekk ippruvati, iservu sabiex joqtlu l-azzjoni attriċi fil-mertu. Il-Qorti tqis għalhekk illi qabel tinoltra fil-mertu tal-vertenza jeħtieġ qabel xejn illi tittratta u tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**
**Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni**

Għal din l-eċċezzjoni l-attriċi laqgħat billi fissret li l-azzjoni tagħha mhijiex dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil imwettaq mill-Awtorità konvenuta iżda hija azzjoni fejn l-attriċi qiegħda titlob li t-tneħħija tal-ewwel permess tiġi dikajrata nulla u invalida.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi d-deċiżjoni tal-Qorti ghandha illi tkun marbuta strettament mat-talbiet kif dedotti mill-premessi u t-talbiet. F'dan il-każ l-ilment tal-attriċi huwa abbinat mal-ħruġ ta' permess permezz ta' liema ġie revokat l-ewwel permess tal-bini.

L-Awtorità konvenuta eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Tgħid illi kull kwistjoni dwar ippjanar tinkwadra fil-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Awtorità bi dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar minn liema deċiżjoni hemm ukoll dritt ta' appell finali quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). F'dan ir-rigward l-Awtorità konvenuta għamlet referenza għall-Artikolu 15 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar u l-Iżilupp. Ta' rilevanza għall-każ ta' llum u l-paragrafi numru (1) (a) u (2) tal-Artikolu 15 li jaqraw hekk:

*15. (1) Il-Bord ta’ Appell ikollu ġurisdizzjoni:*

*(a) Li jisma’ u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b’deċiżjoni ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar dwar kull ħaġa ta’ kontroll ta’ l-iżvilupp, inkluż it-twettiq ta’ dak il-kontroll;*

*...*

*(2) Il-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti ta’ liġi deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell.*

Fil-mori tal-proċeduri l-Awtorità konvenuta ppreżentat nota ta’ referenzi li fiha elenkat numru ta’ sentenzi li jsostnu l-eċċezzjoni minnha sollevata dwar in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza John Cauchi vs Chairmane ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001. F’dan il-każ Cauchi kien esegwixxa xi xogħolijiet fir-razzett tiegħu fix-Xewkija liema xogħolijiet kienu jikkonsistu fir-rinforzar ta’ reċint li diġà kien jeżisti u kien iffurmat permezz ta’ ġebel tas-sejjiegħ. L-Awtorità ta’ l-Ippjanar dehrilha li dawn ix-xogħolijiet kienu jikkwalifikaw bħala żvilupp u li għalhekk kien meħtieġ permess ta’ l-iżvilupp. Peress li Cauchi ma kienx kiseb permess, fil-5 ta’ Ġunju 1995 l-Awtorita’ konvenuta ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta’ Twettiq permezz ta’ liema Cauchi ġie ordnat jieħu l-passi neċessarji sabiex entru terminu ta’ 16-il ġurnata ineħħi l-illegalità. Cauchi baqa’ jisħaq li ma kienx meħtieġ permess għax-xogħolijiet li kien qiegħed jagħmel u għalhekk ikkontesta l-Avviż tal-5 ta’ Ġunju 1995 b’rikors quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. Il-Bord ċaħad l-appell u kkonferma l-avviż biex tieqaf u ta’ twettiq. Cauchi nterpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell li b’deċiżjoni tat-30 ta’ Ġunju 1997 ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Bord. L-appellant intant applika għall-permess tal-bini liema applikazzjoni ġiet miċħuda. Cauchi talab il-ħruġ ta’ żewġ mandati ta’ inibizzjoni sabiex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-avviż ta’ twettiq. B’żewġ deċiżjonijiet tas-26 ta’ Novembru 1997 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet ta’ Cauchi. Fis-16 ta’ Jannar 1997 l-Awtorità esegwiet l-avviż u neħħiet ix-xogħolijiet. Kien

għalhekk illi fil-15 ta' Diċembru Cauchi ntavola l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Permezz ta' sentenza in parte tal-11 ta' Jannar 2000 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) rriteniet illi kellha ġurisdizzjoni sabiex tissindika l-aġir tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-qafas tal-ewwel talba tal-attur li talab lill-Qorti tiddikjara bħala irragonevoli, *ultra vires*, sproporzjonat u illegali l-aġir ta' l-Awtorità konvenuta fil-konfront ta' l-attur, meta din insistiet li tneħħi reċint li diġà kien eżistenti kif ukoll il-knaten li poġġa l-attur sabiex jirrinforzah.

L-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar interponiet appell minn din id-deċiżjoni.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"12. Jidher car li l-azzjoni odjerna tikkoncerna tentattiv biex il-Qrati Ordinarji jistharrgu gudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hadet fil-konfront tal-appellat. Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). L-ewwel subartikolu ta' dana l-artikolu jipprovdi hekk:*
>
> *"Artikolu 469A. L-art. 469A (1) jipprovdi li "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss –*
>
> *(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> *(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawk li gejjin;*
>
> > *(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew*

*(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*iv) meta l-ghemil aministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

*13. M'hemmx dubbju li l-ewwel talba ta' l-appellat fic-citazzjoni giet imfassla bl-iskop li jigi applikat dan is-subartikolu, li jaghti lill-Qrati Ordinarji il-gurisdizzjoni li jannullaw u jhassru eghmil amministrattiv jekk ikunu jirrikorru c-cirkostanzi specifiki imsemmija fl-istess subartikolu.*

*14. Madanakollu, ghandu mill-ewwel jigi rilevat li din il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji tinsab cirkoskritta u limitata bil-provvedimenti tar-raba' (4) subartikolu ta' l-istess artikolu, li jghid li d-disposizzjonijiet ta' l-art. 469A "… ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."*

*15. L-eccezzjoni preliminari tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' gurisdizjoni li tisma' u tiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna hija evidentement bazata fuq dan r-raba' subartikolu li bih, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji li jimbarkaw fuq "judicial review" ta' ghemil amministrattiv ta' kwalunkwe awtorita' amministrattiva, fosthom ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tinsab effettivament limitata ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibbli il-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.*

*16. Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-kaz, ezattament l-Att Numru I ta' l-1992, li inter alia, ikkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar li bihom kien ihossu aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-Tribunal indipendenti, cioe' l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, imwaqqaf bis-sahha ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata inter alia l-gurisdizzjoni specifika li jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-awtorita' ta' l-ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-istess artikolu jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord li minnhom gie provdut li jkun hemm appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.*

*17. Jirrizulta sodisfacentement li fil-konfront ta' l-avviz ta' twettiq tal-5 ta' Gunju 1995, l-appellat ghamel uzu shih mill-mod ta' kontestazzjoni ipprovdut b'din il-ligi specjali u pprova jakkwista ghalih innifisu ir-rimedju opportun bis-sahha ta' l-organi w il-proceduri indikati bl-istess ligi ta' l-Ippjanar. Issir riferenza hawn ghall-paragrafi 6 u 7 ta' din is-sentenza rigwardanti il-proceduri li l-appellat ntavola kemm quddiem l-imsemmi Bord u kemm ukoll quddiem din il-Qorti, b'liema proceduri huwa ikkontesta gudizzjarjament id-decizjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar. L-appellat dana ghamlu billi sostanzjalment sostna li x-xoghljiet li ghamel fir-recint tar-razzett tieghu ma kienux jirrikjedu l-ebda permess ta' l-izvilupp. Sfortunatament ghalih, dawn il-proceduri ma kellhomx ezitu pozittiv. Biex jipprova jinnewtralizza u jgib fix-xejn l-enforcement notice, li kienet giet avallata bid-decizjonijiet tal-imsemmi Bord u ta' din il-Qorti, l-appellat intavola l-kawza odjerna. Biha qieghed jerga' jsostni li l-imsemmija xoghlijiet li ghamel ma kienux jirrikjedu, fi kliemu stess, l-indhil tal-poter regolatur ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Konsegwentement, huwa jallega li l-agir ta' l-Awtorita' ghat-tnehhija tax-xoghlijiet ta' gebel li ghamel fir-razzett tieghu kien agir "irragonevoli, ultra vires, sproporzjonat u illegali". Bl-istess mod jiddeskrivi l-agir tad-Development Control Commission li naqset li tilqa' l-*

*applikazzjoni tieghu ghall-hrug tal-permess ta' zvilupp mitlub eventwalment minnu.*

*18. L-imsemmi subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-subartikolu (1) tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga gew mistharrga u decizi minn Bordijiet, tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali imsemmija fl-istess ligi specjali. Huwa sinifikattiv hafna kif l-appellat, fic-citazzjoni tieghu sempliciment jaccenna ghal "diversi proceduri li ttiehdu" u b'hekk jaghti l-impressjoni li jrid jinjora ghal kollox id-decizjonijiet imsemija tal-Bord u kif ukoll ta' din il-Qorti, liema decizjonijiet proprju kienu dahlu u ddecidew jekk kienx hemm bzonn ta' permess ta' zvilupp ghax-xoghlijiet li kien ghamel.*

*19. L-appellat jillamenta wkoll li l-Kummissjoni tal-Kontroll ta' l-Izvilupp ma laqghetx l-applikazzjoni li eventwalment intavola biex jissana s-sitwazzjoni tieghu u jigi in regola. Pero', fil-process ma hemm prodotta l-ebda prova li l-appellat kkontesta din id-decizjoni bil-mezzi li jaghtih l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Ghalhekk, taht dan l-aspett, l-appellat ma jidhirx li pprova jutilizza r-rimedji effettivi provduti specifikatament b'din il-ligi. Konsegwentement, is-subartikolu 4 tal-artikolu 469A jerga' jidhol in xena fil-konfront tal-allegazzjoni li ghamel l-appellat dwar l-imsemmija decizjoni amministrattiva tal-Awtorita' u jizvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni li jistharrgu gudizzjarjament din id-decizjoni partikolari.*

*20. Illi, ghalhekk, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu ta' l-ewwel talba kontenuta fic-citazzjoni u ghalhekk hemm lok li l-appell jigi milqugh.*

*21. Bir-rispett kollu dovut, is-sentenza appellata applikat b'mod skorrett l-artikolu 469A sostanzjalment ghaliex injorat kompletament is-subartikolu (4) tal-istess artikolu, li*

*kif rajna, jillimita sew il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil amministrattiv fil-kazijiet imsemmija fl-istess subartikolu.*

*22. Is-sentenza appellata tippekka wkoll billi ma ghamlet l-ebda riferenza ghal appell fattwali li ppreceda l-kawza u li kien jirrizulta principalment mid-dokumenti esebiti. B'hekk, injorat ukoll id-decizjonijiet tal-Bord, kif ukoll ta' din il-Qorti li kienu jikkonfermaw l-Avviz ta' Twettiq, wara li kienu dahlu fil-kwistjoni hekk kienx mehtieg permess ta' zvilupp ghax-xogholijiet li kien ghamel l-appellat.*

*23. Is-sentenza appellata hija skorretta wkoll ghax ma interpretatx sewwa il-gurisprudenza citata minnha stess. Infatti, naqset li tiddistingwi, fil-konfront ta' l-aspett gurisdizzjonali, jekk il-proceduri fil-gurisprudenza citata minnha kienux qeghdin jittiehdu ai termini ta' l-artikolu 15 (2) tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jew jekk il-proceduri ikunux qeghdin jjttiehdu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jew addirittura meta l-proceduri ikunu bazati fuq allegzzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti bil-Kostituzzjoni, kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropeja, li bis-sahha tal-Att XIV tal-1987 sostanzjalment tifforma parti integrali mil-legislazzjoni domestika taghna. M'hemmx ghalfejn li wiehed jenfasizza li dawn it-tlett tipi ta' 15ppellate gudizzjarji huma regolati b'disposizzjonijiet legislattivi specifici u allura wiehed dejjem irid jiddistingwi u joqghod attent li ma jhallatx procedura wahda ma' ohra.*

*24. Fl-ahhar nett, irid jigi notat li s-sentenza appellata ddecidiet l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni fil-konfront biss ta' l-ewwel talba tal-appellat. Il-kwistjonijiet imqajmin fit-tieni u t-tielet talba thallew mill-Ewwel Qorti impregudikati biex dik il-Qorti tkun tista' tirregola ruha wara li tisma' x-xhieda u tinvestiga l-meritu tal-kaz.*

Il-Qorti laqgħet l-appell u ddikjarat li l-Qrati ordinarji m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu l-mertu tat-talbiet attriċi. Konsegwentement ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza Richard Zammit vs Chairman ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar deċiża fil-31 ta' Mejju 2002 mill-Qorti tal-Appell wara sentenza tal-5 ta' Novembru 1999 fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) ddikjarat ruħha kompetenti sabiex tisma' l-kawża. L-Awtorità konvenuta però ħasset ruħha aggravata b'dik id-deċiżjoni u appellat minnha billi talbet lill-Qorti tal-Appell tirrevoka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fuq il-premessa illi l-ewwel qorti tat interpretazzjoni ħażina tal-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Permezz tal-azzjoni tiegħu l-attur ittanta jimpunja għemil amministrativ tal-Awtorità konvenuta wara li l-applikazzjoni tiegħu għall-iżvilupp ġiet miċħuda kif ukoll żewġ avviżi biex tieqaf u ta' twettiq fuq fond skedat.

Il-Qorti tal-Appell osservat illi l-eċċezzjoni sollevata mill-Awtorità konvenuta dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti hija msejsa fuq l-Artikolu 469A (4) tal-Kap 12 li jaqra:

> "*m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra*."

Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar is-siwi tal-eċċezzjoni, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *Bis-sahha ta' dan is-subartikolu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jinbarkaw fuq "judicial review" ta' ghemil amministrattiv ta' kwalunkwe awtorita' amministrattiva, fosthom ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, tinsab effettivament limitata ghall-kazijiet fejn ma jkunx ipprovdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibbli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi Tribunal specjali li l-istess ligi jew Qorti tkun hasbet ghalih.*
>
> *12. Fil-kaz odjern, hemm ligi specjali ezattament l-Att Numru 1 tal-1992, li inter alia, kkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li bihom wiehed seta' hassu aggravat.*

*Issir riferenza hawn ghall-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, Tribunal indipendenti, mwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 14 tal-imsemmi att tal-1992. Dan il-Bord inghata, inter alia, gurisdizzjoni specifika li jisma' u jiddeciedi appelli maghmulha minn minn ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll tal-izvilupp, inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll. L-istess artikolu jipprovdu li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti tad-dritt decizi mill-Bord li minnhom gie appozitament provdut appell lil din il-Qorti tal-Appell.*

*13. L-appellant issottometta li l-appellat Richard Zammit ghamel uzu mill-mod ta' kontestazzjoni provdut b'din il-ligi specjali billi appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kemm mir-rifjut tal-permess li harget l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll mill-avvizi biex tieqaf u ta' twettieq li harget l-istess Awtorita'. Fl-atti processwali ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk dawn l-appelli ntavolati mill-appellat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellhomx xi ezitu u f'kaz affermattiv dana x'kien hlief ghal dak li jintqal fil-paragrafu (7) tar-rikors tal-appell tal-Awtorita' appellanti.*

*14. L-iskop tal-attur appellat li ghalih intavola l-odjerna kawza huwa precizament biex huwa jottjeni r-revoka tad-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha rrifjutat il-hrug ta' permess tal-izvilupp li kien applika ghalih l-istess attur appellat. Inoltre huwa qieghed jitlob li l-avvizzi biex tieqaf ta' twettieq imsemmija fic-citazzjoni jigu revokati mill-Qorti. Issa, l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bis-sahha tal-ligi specjali fuq imsemmija, nghata s-setgha li, fit-termini tal-istess ligi specjali, investiga l-ghemil ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u nghata s-setgha mill-istess ligi specjali li jipprovdi rimedju effettiv ghal min ikun aggravat bl-istess ghemil jew decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Anzi, f'dan il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mhux biss ghandu s-setgha li jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha gie rifjutat il-permess ghall-izvilupp mitlub mill-appellat izda wkoll l-istess Bord ghandu s-setgha li huwa stess johrog il-permess mitlub, naturalment jekk huwa jkun sodisfatt li dan jista' jaghmlu skond il-ligi.*

*15. L-imsemmi subartikolu 4 tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-subartikolu 1 tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga' gew mistharrga, jew li jistghu jigu mistharrga u decizi minn Bordijiet jew Tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali msemmija fl-istess ligi specjali.*

*16. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti li ressaq l-appellat fil-kawza odjerna kontra l-ghemil ta' l-Awtorita' ta'l-Ippjanar seta' validament iressaqhom fl-appell tieghu li jintavola quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mid-decizjonijiet li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet hadet kontrieh u li jissemmew fl-att tac-citazzjoni. F'dan il-kontest il-Qorti trid taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Teddy Rapa vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju tas-sena 2000 li testwalment osservat hekk :-*

*"L-aggravju tal-appellant donnu hu bazat fuq l-ideja skorretta li materja ta' diskriminazzjoni setghet biss tigi nvestigata u rettifikata mill-organi gudizzjarji kostituzzjanali. Filwaqt li hu veru li kienet biss il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kellha gurisdizzjoni originali biex tittratat u tiddeciedi materji ta' vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta' helsien mid-diskriminazzjoni, u li minn decizjonijiet ta' dik il-Qorti seta' biss isir appell quddiem din il-Qorti, dan ma jfissirx illi kull Qorti jew Tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjonijiet tieghu kull sottomissjoni li ssirlu fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-meritu, u li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal. Hekk allura ma hemm xejn x'jostakola lill-Bord tal-Appell jindaga u jiddeciedi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhal dik avvanzata mir-rikorrent ….. Li din il-Qorti tixtieq tissottolineja hu li l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha kienu fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi, fosthom l-Att Numru 1 tal-1992, fid-dawl tal-assjem tad-*

*dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fondamentali, u dan sa fejn dan kie konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi li huma jkunu qieghdin jinterpretaw ……. Id-decizjoni li twassal ghal cahda tal-permess kellha, bhal kull decizjoni ohra, tittiehed ukoll fir-rispett tal-jeddijiet fondamentali tal-individwu protetti mill-kostituzzjoni u mill-konvenzjoni.”*

*17. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-assjem tad-dritt Malti li ssemmi l-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza appena citata ma jistghux jigu eskluzi n-nozzjonijiet li janimaw is-subartikolu (1) tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Ma hemm xejn li jzomm il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta jkun qieghed jirrevedi xi decizjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar li jara li l-istess Awtorita' tkun agixxiet intra vires, li hijatkun segwiet il-principji tal-gustizzja naturali, li hija tkun osservat il-htigijiet procedurali mandatorji imposti mil-ligi, u li hija ma tkunx abbuzat mis-setghat li l-ligi kkonferiet fuqha, billi, per ezempju, hadet id-decizjoni ghall-ghanijiet mhux xierqa jew ibbazat l-istess decizjoni fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti ghall-kaz. Din il-Qorti tifhem illi kien proprju ghalhekk li l-legislatur, fis-subartikolu (4) espressament iddispona li l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili, cioe' l-Qrati ordinarji, huma espressament svestiti milli <u>jekk il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra</u>. Fil-fehma tal-Qorti, anke l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hu soggett li josserva huwa stess fis-smiegh tal-appelli quddiemu, n-nozzjonijiet li janimaw l-imsemmi subartikolu (1) tal-artikolu 469A. Ghalhekk, jekk jirrizulta li l-Bord, fid-decizjoni tieghu jew fis-smiegh tal-appell ma jkunx osserva dawk in-nozzjonijiet xorta wahda l-Qrati ordinarji jibqaghlhom il-gurisdizzjoni li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil ta' dak il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Fi kliem iehor, l-ghemil u/jew id-decizjonijiet tal-Bord imsemmi, fil-kazijiet kongruwi, jistghu jkunu soggetti ghal "judicial review".*

*18. Minn dak li ghadha kif qalet il-Qorti johrog car li, bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata, partikolarment fil-parti konkludenti taghha. Din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata applikat b'mod skorrett l-artikolu 469A, sostanzjalment ghaliex injorat kompletament is-subartikolu (4) tal-istess artikolu li, kif rajna, jillimita sew il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil amministrattiv fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu.*

Fis-sentenza Victor Attard et vs Iċ-Chairman ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 t'April 2003, f'dan il-każ l-atturi applikaw għall-permess sabiex jiżviluppaw il-proprjetà tagħhom biss waqt li l-Awtorità akkordat il-permess lill-ġirien tal-atturi caħdet l-applikazzjoni tal-atturi. Aggravati b'din id-deċiżjoni l-atturi talbu ll-Awtorità tiġi misjuba responabbli għad-danni. L-Awtorità konvenuta laqgħet billi eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja għaliex qalet li l-ġurisdizzjoni esklussiva hija tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Fis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 1998 l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ddikjarat li ma kelliex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi.

Fis-sentenza sussegwenti tagħha l-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*9. Issa fil-kaz odjern, l-atturi appellanti qeghdin jezercitaw azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva skond l-artikolu 469A tal-kap. 12. Dana l-artikolu jaghti gurisdizzjoni lil Prim Awla tal-Qorti Civili li jistharrgu l-validita` ta' ghemil amministrattiv f'kazijiet specifici imsemmija fl-istess despozizzjoni. Ta' min isemmi hawn li fost il-limitazzjonijiet ghall-ezercizzju ta' azzjoni simili (ta' judicial review) wiehed isib is-subartikolu 4. li jghid hekk: "Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."*

*Hu dan appuntu li gara fil-kaz odjern. L-Att imsemmi tal-1992, ezattament fl-artikolu 36 u 37, kien joffri rimedju ghad-dewmien lamentat mill-appellanti – rimedju li ma utilizzawx. Skond dan is-subartikolu (4) la darba l-appellanti kellhom provdut rimedju "b'ligi ohra" l-artikolu 469A ma baqghax applikabbli. Ghalhekk il-gurisdizzjoni specjali li jistabbilixxu l-istess artikolu 469A sfat nieqsa.*

*10. Ghalhekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u cjoe` fejn iddikjarat ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tidher legalment korretta.*

Ukoll fis-sentenza Pietru Pawl Borg et vs L-Awtorità ta' l-Ippjanar et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2003, permezz ta' sentenza in parte datata 16 ta' Mejju 2000, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sede Superjuri) ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

L-Awtorità konvenuta appellat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*7. Jidher car li l-azzjoni odjerna tikkoncerna tentattiv biex il-Qrati ordinarji jistharrgu gudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li ttiehdu in konnessi mal-boat-house in kwistjoni kemm mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u kemm ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija. Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organinazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), u partikolarment l-ewwel subartikolu tal-istess subartkolu, li jaghti lill-Qrati ordinarji l-gurisdizzjoni li jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu u minghajr effett f'kazijiet specifici fosthom: "Meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz ta' setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti."*

*8. Madanakollu, ghandu mill-ewwel jigi rilevat li din ilgurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji tinsab cirkoscritta u limitata bil-provvedimenti tal-istess ligi, fosthom ir-raba' subartikolu*

*tal-istess artikolu 469A. Dan is-subartikolu espressament jimponi li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw meta il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra.*

*9. L-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti Awtorita` ta' lIppjanar, dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jisimghu u jiddeciedu l-mertu tal-kawza odjerna, hija evidentement bazata fuq dan ir-raba' subartikolu tal-artikolu 469A. Dan is-subartikolu effettivament jillimita l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta' kompetenza civili biex jistharrgu l-validta` ta' xi ghemil amministrattiv ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.*

*10. Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-hrug tal-permessi tal-izvilupp, ezattament l-Att Nru 1 tal-1992, li inter alia ikkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' jikkontesta xi decizjoni u jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom wiehed ikun qed ihossu li gie aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-tribunal independenti, cioe` l-Bord ta' l-Appell dwar L-ippjanar, imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 tal-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata, inter alia, il-gurisdizzjoni specifika li jisma u jiddeciedi appelli maghmulha minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-Artikolu 15 jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali, hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li minnhom inghata dritt ta' appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.*

*11. Jirrizulta li l-appellat Borg ghamel uzu mill-mod ta' kontestazzjoni ipprovdut b'din il-ligi specjali, cioe` l-att Nru 1 tal-1992. Infatti, rinfaccjat bir-rifjut ghall-permess da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar, huwa intavola appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn naturalment qieghed jipprova jakkwista ghalih innifsu r-*

*rimedju opportun, cioe` l-hrug tal-permess mitlub, bis-sahha tal-organi u l-proceduri indikati f'dik l-istess ligi tal-ippjanar. Il-Qorti tinnota li r-ragunijiet ta' l-appell li tressqu quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huma simili jekk mhux addirittura indentici ghat-talba principali fic-citazzjoni odjerna, inkwantu tikkoncerna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Dan huwa kkonfermat ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat Borg li giet prezentata quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u li kopja taghha tinsab a fol 18 tal-process (ta' l-appell) fejn jinghad hekk:*

*"Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt ma nforzat il-mizuri kollha mehtiega sabiex jitnehhew boathouses ohrajn illi jinstabu kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex, inkluzi boathouses fl-istess lokalita` u ftit metri boghod minn dik tal-appellant u li wkoll inbnew fl-istess epoka bhal dik tal-appellant. L-Awtorita` mhix intrapriza privata, u ghalhekk fl-ezercizzju tas-setghat lilha moghtija mil-ligi, din trid timxi b'mod ragonevoli, gust u ekwu u bl-istess 'weights and measures' kemm ma' min hu b'sahhtu kif ukoll ma' min, bhall-appellant, huwa dghajjef. Illi ghalhekk kemm-il darba tohrog xi ordni mill-Awtorita` tal-Ippjanar ghat-twaqqiegh tal-kostruzzjoni tal-appellant, u din tigi nfurzata ikun hemm ghemil amministrattiv li jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan ikun qed isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti."*

*12. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, ghandu gurisdizzjoni li jiehu debita konjizzjoni ta' l-aggravji li ressaq quddiemu l-appellat Borg. Infatti, din il-Qorti kienet irrimarkat hekk fil-kawza fl-ismijiet "Alex Montanaro nomine vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" moghtija fid-9 ta' Frar 2001: "Meta fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghall-permess tal-izvilupp, issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga` jezisti zvilupp bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita` u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali, izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet tal-ippjanar, u cioe`, biex jaraw jekk, tenut kont tal-izvilupp attwali fl-*

*inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigu akkordat."*

*13. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak li ghadu kif intqal fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li qalu l-atturi appellati fir-risposta tal-appell taghhom meta allegaw li t-talba principali taghhom f'din il-kawza tesorbita mis-setghat moghtija lill-imsemmi Bord. Naturalment it-talba sekondarja li ghamlu l-atturi appellati f'din il-kawza cioe` dik ghad-danni ma tistax wahedha tirradika l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ghaliex dik it-talba hija intimament konnessa mal-azzjoni principali fil-kawza odjerna u hija din it-talba principali li, se mai ghandha tirradika l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.*

*14. Illi ghalhekk din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li, b'applikazzjoni tal-artikolu 469A (4), l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu tal-kawza odjerna fil-konfront tal-Awtorita` tal-Ippjanar.*

*15. Bir-rispett kollu dovut, is-sentenza appellata hija skorretta mhux biss ghaliex injorat kompletament l-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, izda wkoll ghaliex ma nterpretatx sewwa il-gurisprudenza citata minnha stess. Infatti, naqset li tiddistingwi, fil-konfront tal-aspett gurisdizzjonali, jekk il-proceduri fil-gurisprudenza citata minnha kienux qeghdin jittiehdu ai termini tal-Artikolu 15 (2) tal-Att Nru 1 tal-1992, jew jekk il-proceduri ikunux qeghdin jittiehdu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jew addirittura meta l-proceduri jkunu bbazati fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti mill-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea, li bis-sahha tal-Att XIV tal-1987 sostanzjalment tifforma parti integrali mill-legislazzjoni domestika taghna. Ma hemmx ghalfejn li wiehed jenfasizza li dawn it-tlett tipi ta' proceduri gudizzjarji huma regolati b'dispozizzjonijiet legislattivi specifici u allura wiehed dejjem irid jiddistingwi u joqghod attent li ma jhallatx procedura wahda ma' l-ohra.*

*16. Fl-ahhar nett ghandu jigi notat li s-sentenza appellata affrontat u ddecidiet biss l-eccezzjoni tan-nuqqas ta'*

*gurisdizzjoni moghtija mill-Awtorita` tal-Ippjanar u ma ddecidietx l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija mill-konvenut l-iehor cioe` l-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk l-atti ghandhom jigu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti biex hija tkun tista' tirregola ruhha fid-dawl tad-difiza maghmulha minn dan il-konvenut.*

Il-Qorti għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni preliminari u ddikjarat li ma kelliex il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar il-mertu tal-azzjoni.

Fis-sentenza Trimeg Limited vs L-Awtorità ta' l-Ippjanar deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2007, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*8. Jirrizulta car li l-azzjoni attrici ma hija xejn hlief wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta daqs tant iehor car li l-awtorita` appellata meta tat l-ewwel eccezzjoni taghha inqdiet bis-sub-artikolu 4 ta' limsemmija dispozizzjoni li tghid hekk: "Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru b'xi ligi ohra."*

*9. Ma jidhirx kontestat li l-awtortia` appellata naqset li tinnotifika lis-socjeta` appellanti ai terminu ta' l-Artikolu 46(2) ta' l-Att imsemmi. Madanakollu, s-socjeta` appellanti xorta wahda ressqet oggezzjoni ghall-iskedar tal-proprjeta` taghha ghaliex saret taf b'dan il-fatt millpubblikazzjoni li saret fil-gazzetta tal-Gvern. Jirrizulta wkoll li fi Frar 1997 ufficjali ta' l-awtortita` msemmija iltaqghu ma' rapprezentanti tas-socjeta` appellanti dwar ilkaz. L-awtorita` appellata irriteniet li ghaliha dik il-laqgha serviet bhala notifika. Infatti saret talba gharrikonsiderazzjoni da parti tas-socjeta` appellanti liema talba pero`, ma gietx milqugha mill-awtorita` appellata u sussegwentement is-socjeta` appellanti appellat minn din l-istess decizjoni ta' l-awtorita` quddiem il-Bord ta' l-Ippjanar ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar.*

*10. Is-sentenza appellata laqghet l-eccezzjoni moghtija mill-awtorita` appellata dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni b'applikazzjoni tas-sub-artikolu 4 ta' l-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti rriteniet li dak kollu pretiz mis-socjeta` attrici seta' jigi facilment mistharreg u u setghet ukoll tinghata decizjoni dwaru mill-imsemmi Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar li quddiemu l-istess socjeta` attrici kienet resqet l-aggravji taghha kontra d-decizjoni msemmija ta' l-awtorita` appellata. L-istess Qorti ccitat gurisprudenza ampja tal-Qorti taghna biex tiggustifika ddecizjoni li waslet ghaliha.*

*11. Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata minn din iddecizjoni ta' l-ewwel Qorti, ghaliex nonostante li dik il-Qorti rrikonoxxiet li bhala stat ta' fatt l-Awtorita` konvenuta kienet naqset li tinnotifika lis-socjeta` attrici bl-iskedar tal-proprjeta` taghha, l-istess Qorti naqset li tikkonsidra lilment principali mressaq mis-socjeta` appellanti quddiem l-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li nnuqqas ta' notifika msemmija wassal ghal sitwazzjoni fejn is-socjeta` attrici giet a konoxxenza ta' l-iskedar ta' l-art taghha zmien wara li l-procedura li waslet ghal tali skedar kienet giet konkjuza. Ghalhekk l-istess socjeta` attrici issottomettiet li matul iz-zmien deciziv kollu fejn kienu qeghdin jittiehdu mizuri li waslu ghall-iskedar, hija ma kellhiex voce in capitolo allavolja t-tehid ta' dawn il-mizuri kienu jolqtu lilha direttament peress li waslu sabiex ilproprjeta` taghha tigi dikjarata bhala wahda li taht l-ebda cirkostanza ma tista' tigi zviluppata. Is-socjeta` appellanti kompliet tissottometti li dan l-ilment taghha ma setghax jigi mressaq bhala aggravju u ma setghax jigi trattat minn Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, u lanqas ma seta' jsir eventwalment appell minn decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti ta' l-Appell. Is-socjeta` appellanti issoktat tissottometti li l-vertenza in kwistjoni kienet strettament wahda ta' materja kostituzzjonali u setghet tigi trattata biss mill-ewwel Qorti li quddiemha giet prezentata c-citazzjoni odjerna.*

*12. Jekk wiehed jezamina akkuratament il-premessi u ttalba kontenuti fl-att tac-citazzjoni li bih inghata bidu ghal proceduri f'din il-kawza, wiehed isib li l-allegazzjoni*

*tassocjeta` attrici kienet bazikament li l-iskedar kien kollu kemm hu null. Is-socjeta` attrici allegat li l-istess skedar tal-proprjeta` taghha kien sar ultra vires il-poteri ta' lawtorita` konvenuta u kien sar b'abbuz ta' poter da parti ta' din l-awtorita` proprju ghaliex dik l-awtorita` meta waslet ghall-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni, hija naqset li ssegwi l-procedura rikjesta mil-ligi. L-att tac-citazzjoni jindika li l-ligi li ma gietx imharsa fl-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni kienet precizament id-dispozizzjoni kontenuta fissub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att Dwar l-Ippjanar.*

*13. Ma jista' jkun hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-ilmenti tan-nuqqas tan-notifika kif ukoll ta' nuqqas ta' adezjoni mal-procedura rikjesta mil-ligi, liema lmenti s-socjeta` appellanti qeghdha tinsisti fuqhom fil-proceduri odjerni, setghu facilment jitqajmu minnha meta hija intavolat lappell taghha mid-decizjoni ta' l-awtorita` konvenuta dwar l-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni. Din il-Qorti qeghdha tirritjeni hekk ghaliex certament il-Bord ta' l-Appell Dwar lIppjanar ghandu l-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b'decizjoni ta' lawtorita` konvenuta ai termini ta' l-Artikolu 15 ta' l-Att Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Jekk persuna thoss ruhha aggravata minn decizjoni ta' dik l-awtorita`, fuq lallegazzjoni li dik l-awtorita` ma tkunx segwiet id-dettami ta' l-istess ligi dwar l-ippjanar, tali lanjanza tidhol pjenament fil-gurisdizzjoni tal-Bord imsemmi. Din il-Qorti ezaminat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar moghtija fl-20 ta' Settembru 2002 li kopja taghha giet annessa mis-socjeta` appellanti mar-rikors ta' l-appell taghha. Jirrizulta car li l-lanjanzi li s-socjeta` appellanti qeghdha tqajjem fil-proceduri odjerni ma tqajmux minnha fil-proceduri ta' l-appell li hija intavolat quddiem l-imsemmi Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar. Pero`, dan il-fatt, certament ma jaghti l-ebda dritt lis-socjeta` appellanti li tintavola kawza ad hoc quddiem il-Qrati ordinarji, kif fil-fatt ghamlet bil-kawza odjerna, biex dak li naqset li taghmel bi proceduri appozitament indikati fil-ligi, u cioe` l-appell quddiem il-Bord imsemmi, taghmlu meta jidhrilha l-istess b'dawn il-proceduri odjerni quddiem il-Qrati ordinarji. Dana huwa hekk ghaliex il-legislatur stess eskluda l-possibilita` ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni*

*amministrattiva minn dawn il-Qrati ordinarji meta xi ligi ohra tkun provdiet lill-parti l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju. Fil-kaz in dizamina, il-ligi partikolari, cioe` l-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, kien jipprovdi mod kif is-socjeta` appellanti setghet tikkontesta d-decizjoni ta' l-awtorita` konvenuta fuq il-prepensjonijiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni odjerna billi hija tintavola appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord appozitament mahluq fl-istess ligi biex tara li dik l-awtorita` inter alia tottempera ruhha mad-dettami ta' l-istess ligi li kienu jirregolawha. Inoltre ghandu jigi enfasizzat li dak il-Bord mhux biss kellu l-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi fuq illanjanzi sollevati mis-socjeta` appellanti izda kellu wkoll ilfakolta` li jaghti r-rimedju opportun ghaliex inter alia huwa kellu wkoll is-setgha li jirrevoka d-decizjoni in kwistjoni ta' l-awtorita` konvenuta u seta' jaghti d-direzzjonijiet necessarji biex id-decizjoni tieghu tkun tista' tipprovdi rimedju effettiv.*

*14. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet kompletament korretta meta hija rriteniet hekk: "Issa fil-kaz de quo dak pretiz mis-socjeta` attrici facilment jista' jigi mistharreg u epurat mill-Bord ta' l-Appell li quddiemu l-istess socjeta` attrici gia` ressqet l-aggravji taghha kontra d-decizjoni ta' l-awtorita`".*

*15. Is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha ziedet tghid illi hija ghazlet li tattakka d-decizjoni ta' lawtorita` appellata sija bil-mod tac-citazzjoni kemm ukoll bil-mod ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar lIppjanar ghas-segwenti raguni li sejra tigi riprodotta testwalment: "Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi r-rimedju ta' appell minn decizjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-ippjanar jippresupponi qabel xejn li jkun hemm decizjoni valida li tista' tigi appellata. Ir-rimedju ta' l-appell huwa intiz biex iwassal ghar-revizjoni ta' dak li jkun gie validament deciz. L-allegazzjoni ta' l-esponent hija li f'dan il-kaz ma hemmx decizjoni valida li ghaliha r-rimedju ta' l-appell huwa rrimedju indikat. L-esponent jippretendi li d-dritt tieghu kien li l-awtorita` ssegwi l-proceduri korretti fl-ewwel lok, ghaliex l-attinenza ghal dawk il-proceduri kienu jaghtuh garanziji procedurali qawwija biex id-dritt sostantiv tieghu jigi*

*salvagwardat. In-nuqqas ta' l-awtorita` li ssegwi dawk il-proceduri ma hiex kwistjoni li tattalja ruhha tajjeb ghallappell ghaliex appell jippresupponi li d-decizjoni li ttiehdet kienet wahda valida fil-ligi, u l-appell iwassal ghal rikonsiderazzjoni fil-meritu. L-esponent qieghed jippretendi li d-decizjoni ghandha tithassar biex il-kwistjoni terga' tigi evalwata mill-awtorita` primarjament kompetenti biex taghmel dan.*

*16. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dana l-aggravju m'ghandu l-ebda validita` u huwa sempliciment tentattiv fjakk hafna li bih is-socjeta` appellanti qeghdha tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha li tressaq l-ilmenti meritu taccitazzjoni odjerna quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar lIppjanar. Din il-Qorti qeghdha tghid hekk ghaliex laggravju kollu huwa essenzjalment bazat fuq premessa kompletament zbaljata li appell jista' jsir biss minn decizjoni ta' l-Awtorita` appellata li tkun valida legalment.*

*17. Konsegwentment l-aggravji kollha li resqet is-socjeta` appellanti ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma jistghux jintlaqghu. In oltre, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-konsiderazzjonijiet dwar il-meritu li tressqu fir-risposta ta' l-appell intavolata mill-awtorita` appellata, liema sottomissjonijiet kienu diga` ingabu ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet li tinsab a fol. 111 tal-process. Il-Qorti qeghdha tghid hekk ghaliex hija taqbel kompletament mal-konkluzjoni li waslet ghaliha lewwel Qorti u cioe` li tilqa' l-eccezzjoni ta' l-awtortita` konvenuta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni li tiddeciedi lmeritu sollevat fic-citazzjoni odjerna u li konsegwentement tiddikjara ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tas-socjeta` attrici.*

Fis-sentenza Topcat Holdings Limited vs Eurostyle Limited et deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar 2022 – mhux appellata,

*Il-Qorti tosserva illi l-artikolu 97(11) tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi rimedju gudizzjarju ghal kull persuna li thossha aggravata*

*minhabba l-hrug ta' avviz ta' waqfien u/jew ta' twettieq. Dan l-artikolu filfatt jipprovdi hekk:-"*

*"Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż notifikat lilha tista' tappella kontra tiegħu lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ l-effetti tal-avviż, ħlief it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, għandhom ikunu sospiżi sakemm l-appell jiġi maqtugħ b'mod finali."*

*Ghalhekk jidher illi l-ligi provdiet lis-socjeta attrici rimedju specjali permezz ta' liema setghat tikkontesta l-hrug tal-Avviz in kwisjoni. Mhux hekk biss, izda skont dan l-artikolu, l-intavolar ta' appell kontra l-hrug ta' dan l-Avviz kien jissospendi l-effett ta' dan l-Avviz almenu fir-rigward tal-imposizzjoni ta' multi kontra s-socjeta attrici.*

*Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Trafalgar Company Limited et vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et*** *(PA, 27/05/2016):*

*"L-ilmenti li qed iressqu l-appellanti f'dawn il-proċeduri kienu lmenti li tqegħdu jew setgħu tqegħdu għall-konsiderazzjonijiet tal-Bord tal-Awtorità u, wara, tal-Bord tal-Appell. Il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jsegwu l-proċedura stabbilita biex ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom fil-proċess, ma jagħtihomx dritt li jinvokaw il-ġurisdizzjoni ġenerali ta' dawn il-qrati (ara wkoll Kunsill Lokali Birżebbuġa vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju, 2004, u l-ġurisprudenza hemm indikata)."*

*B'zieda ma' dan, il-Qorti tirrileva illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-qrati Maltin illi lex specialis derogat generalis. F'dan il-kaz il-ligi specjalizzata huwa l-artikolu msemmi, u cioe l-artikolu 97(11) tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp. Galadarba din il-ligi specjalizzata provdiet ghal rimedju partikolari ghall-ilment tas-socjeta attrici kontra l-Awtorita` tal-Ippjanar, m'huwiex konsentit lilha li taghmel uzu mir-rimedju provdut fil-ligi generali.*

Il-ġurisprudenza għar-rigward tal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji sa fejn si tratta dwar kwistjonijiet ta' ppjanar, hija ormai kristallizzata. Il-Qorti ma ssib ebda raguni li twassalha tiddipartixxi minnha.

Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ ta' llum, il-Qorti ssib illi minkejja l-fatt illi l-attriċi kellha l-opportunità li tappella mill-avviż biex tieqaf u ta' twettieq hija għażlet li ma tappellax. Inutli tgħid illi m'appellatx għaliex xi uffiċjal mill-Awtorità konvenuta qalilha li l-avviż kien sejjer jiġi rtirat. Mhux talli l-uffiċjal in kwistjoni ma jiftkar xejn minn dan, talli l-uffiċjal in kwistjoni xehed illi fl-aħħar mill-aħħar anki jekk seta' kien illi fiż-żmien tkellem mal-attriċi u offrielha l-opinjoni tiegħu dwar dak illi seta' jseħħ mill-avviż, id-deċiżjoni finali għar-rigward qatt ma kienet tispetta lilu iżda lis-superjuri tiegħu. Bħala fatt, l-attriċi qatt ma kellha konferma iswed fuq l-abjad li l-avviż in kwistjoni kien sejjer jiġi rtirat u għalhekk l-anqas ħaġa li messha għamlet kien li tappella in kawtela tad-drittijiet tagħha. It-terminu tal-appell ormai oltre milli skada u l-attriċi ma fadlilha ebda rimedju ieħor x'tesplora sabiex tattakka l-avviż. Kien għalhekk illi l-attriċi rriżolviet li tibda l-proċeduri odjerni li fil-fehma tal-Qorti ma huma xejn għajr tentattiv finali biex tattakka l-avviż. Madanakollu, kif sewwa ritenut mill-Qrati tagħna, il-ħsieb tal-leġislatur huwa ċar. Kull kwsitjoni li tolqot ippjanar taqa' fil-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar li allura huwa mghobbi bis-setgha li jissindika deċiżjonijiet tal-Awtorità konvenuta. Il-persuna aggravata finalment jibqalha dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) sabiex tattakka d-deċiżjoni tal-imsemmi Bord. Il-proċedura hija dik. Dan ifisser li l-Qorti ordinarja hija eżawtorata *ex lege* milli tissindika d-deċiżjonijiet tal-Awtorità konvenuta. Għalhekk, għandha raġun l-Awtorità konvenuta teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Stabbilit illi l-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-kawża kif proposta mill-attriċi, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet li għalhekk jibqgħu impreġudikati.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif sollevata mill-Awtorità konvenuta u tiddikjara li m'għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG